



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 1.7.2005  
KUMM(2005) 291 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
dwar vetturi li m'għadhomx tajbin għall-użu**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

L-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx tajbin għall-użu<sup>(1)</sup> jipprojbixxi l-użu taç-çomb, il-merkurju, il-kadmju jew il-kromju eżivalenti f'materjali u komponenti tal-vetturi, sakemm mhix prevista eżenzjoni fl-Anness II ta' din id-Direttiva. Din il-lista ta' eżenzjonijiet tista' tiġi emendata skond il-progress tekniku u xjentifiku. Il-Kummissjoni hi meġġuna f'din il-ħidma mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE<sup>(2)</sup> dwar l-iskart.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni teknika u xjentifika, il-Kummissjoni waslet għas-sejbiet li ġejjin:

### **L-annotazzjonijiet 2 a) u b) ta' din il-Proposta** (*aluminju maħsub biex jinħadem bil-makkinarju*)

Fir-rigward ta' l-eżenzjoni għall-użu taç-çomb bħala element ta' liga fl-aluminju maħsub biex jinħadem bil-makkinarju (annotazzjoni 2 b) ta' l-Anness II attwali, kif emendat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/525/KE<sup>(3)</sup>, il-valutazzjoni teknika turi li hemm sostituti. Madankollu, il-kontribut tal-partijiet interessati juri li l-liga ta' l-aluminju standardizzata b'sa 1.5% çomb għadha meħtieġa għal partijiet marbuta mas-sigurtà u partijiet tal-magna (eż. sistemi tal-brejks u sistemi tal-fjuwil). Għaldaqstant, qed jiġi propost li jitħalla komponent taç-çomb sa 1.5% bil-piż sa l-1 ta' Lulju 2008, b'reviżjoni fl-1 ta' Lulju 2007. Barra minn hekk, it-tieni nota ta' l-Anness II attwali tagħti eżenzjoni għall-użu ta' 0.4% çomb bil-piż fl-aluminju maħsub biex jinħadem bil-makkinarju mingħajr limiti ta' żmien. Minħabba l-fatt li hu teknikament irrelevanti jekk iç-çomb huwiex introdott intenzjonalment jew le, qed jiġi propost li din il-kundizzjoni titneħħa.

### **L-annotazzjoni 4 ta' din il-Proposta** (*bearing shells u boxxli*)

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-eżenzjoni ta' l-annotazzjoni 4 ta' l-Anness II (*bearing shells* u boxxli tal-bronż u ç-çomb), kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/525/KE, il-partijiet interessati talbu tibdiliet fid-diċitura ta' l-eżenzjoni sabiex l-eżenzjoni tkun estiża għall-*bearing shells* u l-boxxli kollha li fihom iç-çomb u mhux biss dawk li fihom il-bronż u ç-çomb. *Bearing shells* u boxxli taç-çomb u l-bronż tipikament fihom 21-25% ta' çomb bil-piż. *Bearing shells* u boxxli mingħajr çomb qegħdin jiġu żviluppatti u diġà qegħdin jintużaw f'xi applikazzjonijiet. Skond il-partijiet interessati, *bearing shells* u boxxli mingħajr çomb huma mistennija li jintużaw fl-applikazzjonijiet futuri kollha. Jidher illi l-fatt li l-eżenzjoni attwali hija limitata biss għal *bearing shells* u boxxli li fihom iç-çomb u l-bronż qed jiskoraġġixxi l-innovazzjoni teknika u l-użu ta' alternattivi mingħajr çomb, li, f'dan l-istadju, jistgħu ma jkunux għal kollox mingħajr çomb. Għalhekk, qed jiġi propost li l-ambitu ta' l-eżenzjoni jitwessa' sabiex jinkludi l-*bearing shells* u l-boxxli kollha li fihom iç-çomb u, minħabba li l-innovazzjoni teknika miexja lejn is-sostituzzjoni taç-çomb fl-applikazzjonijiet kollha, li tkun inkluża data ta' skadenza (l-1 ta' Lulju 2008). Il-valutazzjoni teknika turi li kundizzjonijiet iebes tax-xogħol jeħtieġu materjal kontra l-frizzjoni li jista' jassigura t-tidwir tal-partijiet li jiçcaqalqu, anki fil-każ li l-materjal li jillubrika ma jibqax jaħdem sewwa temporanjament. Alternattivi mingħajr çomb għandhom jaħdmu wkoll taħt dawk il-

<sup>1</sup> ĠU L 269 tal-21.10.2000, p.34

<sup>2</sup> ĠU L 194. tal-25.7.1975, p.39 id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/350/KE (ĠU L 135.6.6.1996, p.32).

<sup>3</sup> ĠU L 170 tad-29.6.2002, p.81

kundizzjonijiet estremi li jinsabu kemm fil-magna kif ukoll fit-trażmissjoni. Għalhekk, qed jiġi propost li din l-eżenzjoni tiġi riveduta sa l-1 ta' Lulju 2007 sabiex ikun assigurat li t-teknoloġija mingħajr ċomb tista' tiġi applikata fil-magni u t-trażmissjonijiet kollha mingħajr ħsara lit-tħaddim proprju tagħhom.

**L-annotazzjoni 7 a) u b) ta' din il-Proposta** (*aġenti tal-vulkanizzazzjoni u stabilizzaturi għall-elastomeri fil-mogħdijiet tal-fluwidi u l-applikazzjonijiet tal-powertrain*)

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-użu taċ-ċomb fl-aġenti tal-vulkanizzazzjoni u stabilizzaturi għall-elastomeri fil-mogħdijiet tal-fluwidu u l-applikazzjonijiet tal-powertrain (l-annotazzjoni 8 ta' l-Anness II, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/525/KE), il-valutazzjoni turi li jeżistu alternattivi mingħajr ċomb. Il-kontribut tal-partijiet interessati juri li stabilizzaturi taċ-ċomb huma diġà mibdula fit-tipi elastomeri. Il-bdil kollu se jitlesta fil-ħin sa Lulju 2005 għall-vetturi ġodda kollha. Għal aġenti tal-vulkanizzazzjoni, il-partijiet interessati jisħqu li r-riskji fit-tul marbuta ma' l-aspetti ta' sigurtà ma jistgħux jiġu vvalutati f'dan l-istadju. Dawn jisħqu li aġenti tal-vulkanizzazzjoni b'0.5% kontenut ta' ċomb bil-piż juru riżultati suffiċjenti f'termini ta' sigurtà tat-triq. Għalhekk, għal dawn l-applikazzjonijiet għandu jingħata iżjed żmien sabiex jiġu ttestjati biżżejjed l-alternattivi mingħajr ċomb. Meta wieħed iqis li jeżistu sostituti, għal raġunijiet ta' sigurtà tat-triq, sena addizzjonali għal dawn l-applikazzjonijiet tidher raġonevoli. Barra minn hekk, il-valutazzjoni wriet li huwa teknikament impossibbli li jitbaxxa l-kontenut taċ-ċomb għal inqas minn 0.5% bil-piż għal aġenti għat-tgħaqqid għall-elastomeri f'applikazzjonijiet tal-powertrain. Dan huwa l-każ meta ċ-ċomb jintuża bħala aġent għat-tgħaqqid biex jgħaqqad tubi elastomeri jew partijiet elastomeri mal-metall. Għalhekk, qed jiġi propost li tkun inkluża annotazzjoni ġdida għal din l-applikazzjoni speċifika mingħajr limitu ta' żmien.

**L-annotazzjoni 9 ta' din il-Proposta** (*il-kisi tal-brejkijiet*)

L-eżenzjoni għall-użu taċ-ċomb fil-kisi tal-brejkijiet ta' 0.5% ta' ċomb bil-piż għal vetturi li ġew approvati għat-tip qabel l-1 ta' Lulju 2003 u l-manutenzjoni ta' dawn il-vetturi skadiet fl-1 ta' Lulju 2004 (daħla 12 ta' l-Anness attwali, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/525/KE). Madankollu, it-tielet nota ta' l-Anness II attwali tippermetti l-użu ta' mhux iktar minn 0.4% ta' ċomb sa l-1 ta' Lulju 2007, sakemm ma jiġix introdott ċomb intenzjonalment. L-annotazzjoni 9 proposta tispeċifika li dan il-0.4% jista' jintuża biss f'materjali tal-frizzjoni tas-sistemi tal-brejkijiet. Meta wieħed iqis l-irrelevanza teknika tal-kundizzjoni li ċomb jista' ma jkunx introdott intenzjonalment, qed jiġi propost li din il-kundizzjoni titneħħa.

**L-annotazzjoni 10 ta' din il-Proposta** (*valve seats*)

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-eżenzjoni għall-użu taċ-ċomb fil-valve seats, li tiskadi f'Lulju 2006 (l-annotazzjoni 13 ta' l-Anness II attwali, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/525/KE), xi partijiet interessati indikaw li l-bdil tas-serje kurrenti jeħtieġ testijiet intensivi ta' durabilità u li fil-każ li t-testijiet ma jirnexx ikun jinħtieġ li l-magna kollha terġa tiġi żviluppata. Sabiex tkun garantita s-sigurtà tat-triq, qed jiġi propost li d-data ta' skadenza tiġi estiża b'sena.

**L-annotazzjoni 12 ta' din il-Proposta** (*punti ta' tqabbid pirotekniku– pyrotechnic initiators*)

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-eżenzjoni għall-użu taċ-ċomb f'punti ta' tqabbid pirotekniku, li tiskadi fl-1 ta' Lulju 2007 (l-annotazzjoni 16 ta' l-Anness II), il-valutazzjoni turi li jeżistu

sostituti għall-mudelli l-ġodda fil-ġejjieni qarib. Madankollu, il-valutazzjoni teknika turi li jeżistu ġenerazzjonijiet differenti tas-sistema ta' l-air-bags. Ġenerazzjonijiet ġodda jinkorporaw l-elettronika ta' kontroll fil-punti ta' tqabbid u ġenerazzjonijiet futuri tas-sistemi ta' l-air-bags se jinkludu iktar elettronika biex titħaffef l-applikazzjoni tagħhom f'tipi differenti ta' vetturi. Għall-mudelli eżistenti, il-partijiet komponenti tal-ġenerazzjonijiet varji ta' sistemi ta' l-air-bags mhumiex interskambjabbli u l-partijiet komponenti ta' tip wieħed ma jistgħux jinbidlu ma dawk ta' tip ieħor, f'każ li l-air-bags ikollhom jinbidlu wara aċċident. Għaldaqstant, qed jiġi propost li l-mudelli l-ġodda (vetturi approvati għat-tip wara l-1 ta' Lulju 2006) għandhom ikunu mingħajr ċomb u li l-mudelli l-qodma (vetturi approvati għat-tip qabel l-1 ta' Lulju 2006) u l-partijiet tal-bdil tagħhom ikunu eżenti mingħajr limitu ta' żmien.

### **L-annotazzjoni 13 a) u b) ta' din il-Proposta** (kisi għall-ħarsien mill-korrużjoni)

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-eżenzjoni għall-użu ta' kromju eżavalenti f'kisi għall-ħarsien mill-korrużjoni li skadiet fl-1 ta' Lulju 2007 (l-annotazzjoni 17 fl-Anness attwali, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/525/KE), il-valutazzjoni turi li jeżistu sostituti għal ħafna applikazzjonijiet. Għall-użu tal-kromju eżavalenti f'kisi għall-ħarsien mill-korrużjoni marbut ma' sistemi ta' mmuntar bi skorfini u boltijiet għal applikazzjonijiet tax-chassis m'hemmx sostituti disponibbli f'dan l-istadju. Għalhekk, qed jiġi propost li l-eżenzjoni għal din l-applikazzjoni speċifika tiżdied b'sena u li tiġi riveduta din l-eżenzjoni sabiex ikun assigurat li ma jinħallu l-ebda partijiet mekkaniċi essenzjali minn ma xulxin tul il-ħajja tal-vetturi.

### **L-annotazzjoni 17 ta' din il-Proposta** (batteriji għal vetturi elettriċi)

L-eżenzjoni attwali għall-użu tal-kadmju f'batteriji għall-vetturi elettriċi tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2005. L-użu tal-kadmju fil-batteriji għal vetturi elettriċi hu permess mingħajr limitu ta' żmien bħala partijiet ta' bdil għal vetturi mqiegħda fis-suq qabel il-31 ta' Diċembru 2005 (l-annotazzjoni 21 ta' l-Anness II attwali, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/525/KE). L-istudju SUBAT (<http://www.battery-electric.com/subatdocs/WP5-006.pdf>) ikkonkluda li llum (2005) għal vetturi purament elettriċi, teknoloġiji tal-jone tal-litju huma s-soluzzjonijiet l-iktar adattati, segwiti mis-sodju-klorur tan-nikil, l-aċidu taċ-ċomb, in-nikil-idrur ta' metall, u n-nikil-kadmju. Madankollu, m'hemmx qbil dwar jekk f'dan l-istadju dawn is-sostituti humiex ttestjati u lesti għall-produzzjoni fuq skala kbira. Matul il-Konferenza dwar il-Vetturi Elettriċi f'Monako f'April 2005, SAFT ippromwova t-teknoloġija tal-batterija tal-jone tal-litju għall-vetturi elettriċi. Fi stqarrija għall-istampa intqal li "fi Franza, din it-Teknoloġija tiżviluppaha SAFT. Din it-tip ta' batterija li taħżen l-elettriku għadha tintuża f'it wisq, prinċipalment minħabba kemm tiswa. Hi mistennija li titqiegħed fil-vetturi tal-kumpanija SVE (HEULIEZ and DASSAULT ASSOCIÉS)." (ara [http://evs21.org/IMG/pdf/new\\_battery\\_technology.pdf](http://evs21.org/IMG/pdf/new_battery_technology.pdf)).

L-istudju SUBAT ikompli jgħid li għandu jingħata xi żmien lil manifatturi tal-vetturi sabiex jadattaw il-mudelli ta' produzzjoni tagħhom u sabiex jintegraw teknoloġiji tal-batteriji inqas ta' ħsara għall-ambjent fil-vetturi tagħhom. Dawn jistqarru li "matul it-taħdita li l-konsorzju kellu mal-partijiet interessati varji, dan ma jistax jitwettag f'madwar 5 snin". Barra minn hekk, il-produtturi Ewropej tal-karozzi talbu eżenzjoni għall-użu tal-kadmju fil-vetturi elettriċi sal-2008.

Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, qed jiġi propost li d-data ta' skadenza ta' din l-eżenzjoni tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2008, sabiex il-vetturi elettriċi jibqgħu disponibbli: dan iż-żmien addizzjonali jinħtieġ sabiex tiżdied il-kapaċità tat-teknoloġiji l-ġodda tal-batteriji u

għal-manifatturi tal-karozzi sabiex iwettqu l-adattamenti meħtieġa lill-mudelli ta' produzzjoni tagħhom sabiex jinkorporaw din it-teknoloġija għda tal-batteriji.

Qed jiġi propost li din l-eżenzjoni tiġi riveduta sa tmiem l-2007 sabiex tkun assicurata d-disponibbiltà ta' teknoloġiji tal-batteriji alternattivi u tal-vetturi elettriċi.

**L-annotazzjoni 18 ta' din il-Proposta** (*komponenti ottiċi f'matriċi tal-ħġieġ użati għal Sistemi ta' Għajnuna għas-Sewwieq*)

Qed jiġi propost li tkun inklużi eżenzjoni addizzjonali għall-użu tal-kadmju f'komponenti ottiċi f'matriċi tal-ħġieġ użati għal Sistemi ta' Għajnuna għas-Sewwieq fil-karozzi sa l-1 ta' Lulju 2007. Is-Sistema ta' Għajnuna għas-Sewwieq ittejjeb il-viżibbiltà tas-sewwieq ta' karozza fuq il-bażi ta' kamera. Il-matriċi tal-ħġieġ tal-kamera (500mg) se jkun fiha 1% (5mg) ta' kadmju. F'dan l-istadju, l-użu tal-kadmju f'din l-applikazzjoni huwa inevitabbli mil-lat tekniku. Madankollu, qegħdin jiġu żviluppanti alternattivi.

Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni ressqet abbozz ta' deċiżjoni għall-vot fil-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE dwar l-iskart fit-28 ta' April 2005. Ma kienx hemm maġġoranza kkwalifikata favur l-abbozz tad-deċiżjoni.

Għalhekk, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5 (4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE<sup>(4)</sup> qed titressaq Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill lill-Kunsill. Jekk il-Kunsill ma jkunx ħa azzjoni fi żmien tliet xhur mid-data ta' riferiment tal-proposta, il-miżuri proposti jiġu adottati mill-Kummissjoni.

---

<sup>4</sup> Ġ.U. L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
dwar vetturi li m'għadhomx tajbin għall-użu**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi<sup>(5)</sup> li m'għadhomx tajbin għall-użu, u partikolarment l-Artikolu 4(2) (b) tagħha,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 2000/53/KE il-Kummissjoni hi meħtieġa tivvaluta l-użu taċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju jew il-kromju eżivalenti li huma pprojbiti bl-Artikolu 4(2)(a) ta' dik id-Direttiva.
- (2) Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjonijiet tekniċi u xjentifiċi meħtieġa u waslet għal għadd ta' konklużjonijiet.
- (3) Ċerti eżenzjonijiet mill-projbizzjoni m'għandhomx jiġu estenzi minħabba li l-użu taċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju jew il-kromju eżivalenti f'dawk l-applikazzjonijiet jista' jiġi evitat.
- (4) Ċerti materjali u komponenti li fihom iċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju jew il-kromju eżivalenti għandhom ikunu eżenti jew jibqgħu jkunu eżenti mill-projbizzjoni ta' l-Artikolu 4(2)(a), minħabba li l-użu ta' dawn is-sustanzi f'dawk il-materjali u komponenti speċifiċi ma jistax jiġi evitat. F'xi każi huwa xieraq li d-data ta' skadenza ta' dawn l-eżenzjonijiet tiġi riveduta sabiex ikun ivvalutat jekk l-użu tas-sustanzi pprojbiti jibqa' ma jistax jiġi evitat fil-ġejjieni.
- (5) Fil-każ ta' l-aluminju maħsub biex jinħadem bil-makkinarju b'kontenut ta' ċomb ta' mhux iktar minn 1.5% bil-piż, deskritt fil-punt (2)(a) ta' l-Anness, il-Kummissjoni se tivvaluta, sa l-1 ta' Lulju 2007, jekk id-data ta' skadenza għal dik l-eżenzjoni għandhiex tiġi riveduta b'konnessjoni mad-disponibbiltà tas-sostituti taċ-ċomb.

---

<sup>5</sup> ĠU L 269, tal-21.10.2000, p.34. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/438/KE (ĠU L 152, tat-15.6.2005, p. 19).

- (6) Fil-każ ta' *bearing shells* u boxxli taç-çomb, deskritti fil-punt (4) ta' l-Anness, il-Kummissjoni se tivvaluta, sa l-1 ta' Lulju 2007, jekk id-data ta' skadenza għandhiex tiġi riveduta sabiex ikun assigurat li t-teknoloġija mingħajr çomb tista' tintuża fil-magni u t-trażmissjonijiet kollha mingħajr ħsara għat-tħaddim proprju tagħhom.
- (7) Fil-każ ta' l-użu tal-kromju eżavalenti fil-kisi għall-ħarsien mill-korrużjoni marbuta ma' sistemi ta' mmuntar bi skorfini u boltijiet għal applikazzjonijiet tax-*chassis*, deskritt fil-punt (13 b) ta' l-Anness, il-Kummissjoni se tivvaluta, sa l-1 ta' Lulju 2007, jekk id-data ta' skadenza ta' dik l-eżenzjoni għandhiex tkun riveduta sabiex ikun assigurat li l-ebda partijiet mekkaniċi essenzjali ma jinħallu minn ma xulxin tul il-ħajja tal-vettura.
- (8) Fil-każ ta' l-użu tal-kadmju fil-batteriji għal vetturi elettriċi, deskritt fil-punt (17) ta' l-Anness, il-Kummissjoni se tivvaluta, sa tmien l-2007, jekk id-data ta' skadenza ta' dik l-eżenzjoni għandhiex tkun riveduta sabiex tkun assigurata d-disponibbiltà ta' teknoloġiji alternattivi tal-batteriji u tal-vetturi elettriċi.
- (9) Id-Direttiva 2000/53/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Mingħajr preġudizzju lid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/438/KE<sup>6</sup>, l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE jinbidel bit-test stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tapplika mil-1 ta' Lulju 2005.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President tal-Kunsill*

---

<sup>6</sup> ĠU L 152, tat-15.6.2005, p. 19.

**ANNEX**

“Annex II

Materjali u komponenti eżenti mill-Artikolu 4(2)(a)

Materjali u komponenti	L-ambitu u d-data ta' iskadenza ta' l-eżenzjoni	Għandu jiġi ttikkettjat, jew immarkat b'mod li jkun identifikat, skond l-Artikolu 4(2)(b)(iv)
<i>Iċ-ċomb bħala element ta' liga</i>		
1. Azzar maħsub biex jinħadem bil-makkinarju u azzar iggalvanizzat li fih mhux iktar minn 0.35% ta' ċomb bil-piż		
2 a) Aluminju maħsub biex jinħadem bil-makkinarju b'kontenut ta' ċomb ta' mhux iktar minn 1.5 % bil-piż	l-1 ta' Lulju 2008	
2 a) Aluminju maħsub biex jinħadem bil-makkinarju b'kontenut ta' ċomb ta' mhux iktar minn 0.4% bil-piż		
3. Liga tar-ram li fih mhux iktar minn 4% taċ-ċomb bil-piż		
4. <i>Bearing shells</i> u boxxli	l-1 ta' Lulju 2008	
<i>Ċomb u komposti taċ-ċomb fil-komponenti</i>		
5. Batteriji		X
6. Tagħmir li jassorbi l-vibrazzjonijiet		X
7 a). Aġenti tal-vulkanizzazzjoni u stabilizzaturi fil-mogħdiji tal-fluwidi u applikazzjonijiet tal- <i>powertrain</i> li fihom sa 0.5% ta' ċomb bil-piż	l-1 ta' Lulju 2006	
7 b) Aġenti tat-tgħaqqid għall-elastomeri f'applikazzjonijiet tal- <i>powertrain</i> li fihom sa 0.5% bil-piż		
8. Stann f'ċirkuwiti elettroniċi u applikazzjonijiet elettriċi oħrajn		X <sup>i</sup>



9. Ram f'materjali għall-frizzjoni tal-kisi tal-brejkijiet li fihom iktar minn 0.4% ta' ċomb bil-piż	l-1 ta' Lulju 2007	X
10. <i>Valve seats</i>	Tipi ta' magni żviluppati qabel l-1 ta' Lulju 2003: l-1 ta' Lulju 2007	
11. Komponenti elettriċi li fihom iċ-ċomb f'matriċi tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika minbarra ħġieġ fil-bozoz jew il-kisja ta' l- <i>ispark plugs</i>		X <sup>ii</sup> (għal komponenti għajr il-piezo fil-magni)
12. Punti ta' tqabbid pirotekniku	Vetturi approvati għat-tip qabel l-1 ta' Lulju 2006 u punti ta' tqabbid ta' bdil għal dawn il-vetturi	
<i>Kromju Eżavalenti</i>		
13 a). Kisi għall-ħarsien mill-korrużjoni	l-1 ta' Lulju 2007	
13 b) Kisi għall-ħarsien mill-korrużjoni marbut ma' sistemi ta' mmuntar bi skorfini u boltijiet għal applikazzjonijiet tax- <i>chassis</i>	l-1 ta' Lulju 2008	
14.		X
<i>Merkurju</i>		
15. Bozoz li jindikaw nuqqas ta' <i>charge</i> u indikaturi fuq il- <i>panel</i> ta' strumentazzjoni		X
<i>Kadmju</i>		
16. Pejst oħxon użat bħala lega	l-1 ta' Lulju 2006	
17. Batteriji għal vetturi elettriċi	Wara l-31 ta' Diċembru 2008, it-tqegħid fis-suq ta' batteriji NiCd se jitħalla biss għal partijiet ta' bdil għal vetturi mqiegħda fis-suq qabel din id-data.	X
18. Komponenti ottiċi f'matriċi tal-ħġieġ użati għal Sistemi ta' Għajna lis-Sewwieq	l-1 ta' Lulju 2007	X

Noti:

- Valur ta' konċentrazzjoni massima mhux aktar minn 0.1% bil-piż u għal kull materjal omoġenju, għaċ-ċomb, il-kromju eżivalenti u l-merkurju u sa 0.01% bil-piż għal kull materjal omoġenju għall-kadmju se jkun ittollerat.
- L-użu mill-ġdida ta' partijiet ta' vetturi li kienu diġà fis-suq fid-data ta' skadenza ta' eżenzjoni hu permess mingħajr limiti minħabba li mhuwiex kopert bl-Artikolu 4(2)(a).

---

<sup>i</sup> Żmuntaġġ jekk, f'korrelazzjoni ma' l-annotazzjoni 11, limitu medju ta' 60 gramma għal kull vettura jinqabeż. Għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola, tagħmir elettroniku mhux installat mill-manifattur fuq il-linja ta' produzzjoni mhux se jitqies.

<sup>ii</sup> Żmuntaġġ jekk, f'korrelazzjoni ma' l-annotazzjoni 8, limitu medju ta' 60 gramma għal kull vettura jinqabeż. Għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola, tagħmir elettroniku mhux installat mill-manifattur fuq il-linja tal-produzzjoni mhux se jitqies. “